# L-Edukazzjoni f'Ħal Qormi (1842-61)

## Tagħlim u Skejjel

Kitba ta' Dr. Joseph F. Grima

F'Ħal Qormi tul is-seklu tmintax ħlief skejjel żgħar ħafna mmexxijin minn xi membri individwali tal-kleru ma kienx hemm.[1] Fl-ewwel erba' deċennji tas-seklu dsatax is-sitwazzjoni ma nbidlitx u ma kien hawn ebda skola governattiva bla ħlas f'Ħal Qormi. Kien biss wara l-miġja tal-Kummissjoni Rjali tal-1836 li ttieħdu passi biex jibdew jiftħu skejjel primarji fl-irħula. Fl-1836 ma kien hawn ebda skola f'ebda raħal iżda l-Kummissjoni, fir-rapport tagħha lill-Gvern Ingliż f'Londra, poġġiet fuq spallet il-gvern lokali Ingliż ir-responsabbilta' għall-ftugħ u l-fondi biex jitmexxew l-skejjel primarji fl-ibliet u l-irħula Maltin u Għawdxin. Għal dan il-għan, ħadmet bla heda s-Sinjura Sarah Austin, mart wieħed mill-Kummissarji, u sat-tluq tagħha minn Malta tliet snin wara kienu nfetħu, jew waslu biex jibdew joperaw, għaxar skejjel primarji fl-irħula.[2] Warajhom bdew jinfetħu oħrajn iżda tajjeb nosservaw li, għall-ewwel, skola kienet tinfetaħ biex taqdi d-distrett kollu kemm hu u mhux għar-raħal waħdu. Kien biss wara li l-Kanonku Paolo Pullicino (1815-90) ingħata r-responsabbilta' tat-tmexxija u r-riforma ta' l-edukazzjoni primarja fl-1850 li nfetħu skejjel primarji fl-irħula kollha tal-gżejjer Maltin.[3]

### L-Ewwel Klassijiet Primarji Governattivi

L-iskola primarja ta' Ħal Qormi ma kinitx fost l-ewwel li nfetħu sal-1840 u fil-fatt tissemma' l-ewwel darba fl-1842. Kienet f'dik li kienu jirreferu għaliha bħala l-armerija (*armeria*) fejn illum hemm l-Għassa tal-Pulizija[4] u kienet taqdi d-distrett kollu li kien jikkomprendi l-Ħal Qormi, Ħal-Luqa, Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Għalhekk hu kemmxejn diffiċli biex wieħed jgħid eżatt kemm kien in-numru ta' studenti Qormin u kemm kienu jiġu mill-irħula l-oħra, għalkemm wieħed jissoponi li ftit kienu jiġu minn barra minn Ħal Qormi billi l-attendenza ma kinitx obligatorja.

Intant, insibu miktub li kien hemm 56 tifel u 85 tifla (għal total ta' 141) li attendew din l-iskola fl-1842. Kien ikun hemm klassi għall-bniet u oħra għas-subien, naturalment b'żewġ għalliema, femminili u maskili rispettivament. Jidher li l-ewwel ma nfetħet kienet il-klassi tas-subien għax l-ewwel għalliem, Teodoro Attard, kien appuntat fl-1 ta' Marzu 1842 b'salarju ta' £35 sterlini fis-sena. Kien biss fl-1 ta' Diċembru 1842 li ntbagħtet f'Ħal Qormi l-ewwel għalliema femminili, Marianna Micallef, b'salarju ta' £20 sterlini fis-sena. Dan kien l-ewwel impieg governattiv għal dawn iż-

1 J.F. Grima, Mill-Istorja ta' Ħal Qormi, L-Ewwel Volum, Malta 2001, pp. 118-9.
2 A.V. Laferla, British Malta, Vol. I, Malta 1945, pp. 168-9; H. Frendo,Storja ta' Malta, Vol. III, Malta 2004, pp. 126-7; J. Zammit Mangion, Education in Malta, Malta 1992, pp. 17-9.
3 J. Zammit Mangion (1992), pp. 19-21.
4 Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Rabat (ANM), Malta Blue Books (MBB) 1842, pp. 198-9.

żewġ għalliema.[5] Għalhekk għandna għax naħsbu li l-klassi tal-bniet infetħet disa' xhur wara tas-subien. Rigward id-differenza fis-salarji, is-sistema kienet li n-nisa, almenu f'impieg governattiv, kienu jitħallsu anqas mill-irġiel u hekk baqa' jsir f'Malta sa madwar erbgħin sena ilu meta l-Gvern Malti beda jħallas l-istess salarji, għall-istess xogħol, lill-irġiel u n-nisa impjegati tiegħu.

**Kurrikulu, Sistema ta' Tagħlim, Sena Skolastika**

U dan iwassalna biex inqisu l-kurrikulu, l-metodu tat-tagħlim u t-tul – il-jiem u s-sigħat – tas-sena skolastika. Skond l-Istatuti tal-15 ta' Diċembru 1838, fl-iskejjel primarji kellu jsir tagħlim kuljum f'dawn is-suġġetti: qari u grammatika fil-Malti, fit-Taljan u fl-Ingliż; Aritmetika Mentali u Ċifrar (bl-Ingliż: *Cyphering*); Kitba; Ġjografija, elementi ta' l-Istorja u r-Reliġjon.[6] Iżda t-tagħrif li għandna f'idejna datat 1853,[7] jiġifieri wara li beda jmexxi l-iskejjel primarji l-Kanonku Pullicino – li diġa' semmejnih – u beda jdaħħal fihom tibdil u riformi, jagħtina kurrikulu aktar wiesgħa. Paragun bejn iż-żewġ listi malajr jurina li l-kurrikulu kien kemmxejn aktar sempliċi fis-snin ta' qabel. Inkomplu bis-suġġetti li kienu jgħallmu lit-tfal almenu mill-1853 'il quddiem.

L-edukazzjoni primarja kienet maqsuma f'erba' klassijiet, jew aħjar snin li, kif ser naraw, f'kull waħda minnhom kien isir dan it-tagħlim:

**L-ewwel sena**: tagħlim fuq kif jifhmu sew il-qari bil-Malti; kif issir il-kitba; introduzzjoni għall-Aritmetika; introduzzjoni għan-Numerazzjoni; tagħlim tar-Reliġjon.

**It-tieni sena**: qari bit-Taljan; it-taqsim ta' sentenzi u d-deskrizzjoni tal-partijiet skond il-grammatika (bl-Ingliż: *parsing*); Kitba; Notazzjoni u Numerazzjoni; Aritmetika Mentali; tagħlim tar-Reliġjon.

**It-tielet sena**: qari u traduzzjoni bl-Ingliż u bit-Taljan; Grammatika; *parsing*; Kitba; Ċifrar (bl-Ingliż: *Cyphering*); dettatura bit-Taljan u bl-Ingliż; elementi tal-Gjometrija u l-Gjografija; tagħlim tar-Reliġjon.

**Ir-raba' sena**: qari bit-Taljan u bl-Ingliż; Grammtika; *Parsing*; Analizzar; Kitba; *Cyphering*; dettatura bit-Taljan u bl-Ingliż; Ġjometrija; Ġjografija; Storja Naturali; Aritmetika; żamma tal-kotba tan-negozju (*Book-keeping*); tagħlim tar-reliġjon.

Dawn is-suġġetti u t-taqsim f'erba' snin kien jgħodd kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet ħlief għal dan li ġej: fit-tielet u fir-raba' sena, lill-bniet kienu jgħallmuhom, dejjem wara nofs inhar, il-ħjata, nittjar (bl-Ingliż: *knitting*) u l-irrakkmar minflok Ġjometrija, Ġjografija, Storja Naturali u *Book-keeping*.

Għat-tagħlim kienu jużaw is-*simultaneous method*, jiġifieri l-għalliem/a kien ikollu/ha t-tfal kollha flimkien li jitgħallmu fi gruppi skond is-sena li jkunu fiha. F'xi skejjel ġie kien hemm ukoll xi apprendisti jgħinu lill-għalliem/a. Dawn x'aktarx kienu jkunu tfal fl-ogħla sena li mbagħad kienu jieħdu t-tagħlim tagħhom wara l-ħin proprju ta' l-iskola. F'xi skejjel oħra l-għalliema kellhom assistenti li x-xogħol tagħhom kien temporanju ħlief għal tal-Belt li kienu impjegati tlieta tal-post. F'Ħal Qormi kien hawn, f'dan il-perjodu, żewġ għalliema biss, wieħed għas-subien u l-oħra għall-bniet u ma kellhomx assistenti jgħinuhom.

L-istudenti kienu jitgħallmu bla ħlas u l-iskola kienet tipprovdilhom il-kotba, lavanji għall-kitba, karti, eċċ. Kienu jattendu mit-Tnejn sal-Ġimgħa u l-ħinijiet ta' l-iskejjel tas-

5 ANM, MBB 1842,pp. 132-3 u 198-9.
6 ANM, MBB 1855, p. 270.
7 ANM, MBB 1853, pp. 159-60.

subien kienu mit-8.00 sal-11.00 ta' fil-għodu u mis-2.00 sa l-4.00 ta' wara nofs inhar. L-iskejjel tal-bniet kien jibdew u jispiċċaw nofs siegħa wara dawk tas-subien. Fix-xhur sħan ta' Ġunju u Lulju, wara nofs inhar kienu jibdew (u, naturalment, jispiċċaw) nofs siegħa aktar tard.

Is-sena skolastika kienet pjuttost twila u l-vaganzi kienu dawn li ġejjin: l-10 ta' Frar (festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl; it-Tnejn u t-Tlieta tal-Karnival u l-Erbgħa ta' l-Irmied; it-3 u l-24 ta' Mejju (festa tas-Salib u Jum l-Imperu Ingliż); it-8 ta' Settembru (festa tal-Vitorja); l-1 u t-2 ta' Novembru (festa tal-Qaddisin Kollha u l-Għid ta' Imwiet); it-8 ta' Diċembru (festa tal-Kunċizzjoni); il-festi kmandati; minn lejlet il-Milied sas-6 ta' Jannar (il-vaganzi tal-Milied); mill-Erbgħa ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira sa l-Erbgħa ta' wara Ħadd il-Għid (il-vaganzi ta' l-Għid); mill-1 sas-16 ta' Awissu (il-vaganzi tas-Sajf).

**Attendenza**

In-numru ta' studenti kien ivarja minn sena għal oħra, l-aktar għax l-attendenza ma kinitx obligatorja. Hekk naraw li r-reġistrazzjonijiet fl-ewwel għoxrin sena kienu dawn li ġejjin: fl-1842 – 56 tifel u 85 tifla (total ta' 141); fl-1843 – 49 u 71 (120); fl-1844 – 50 u 97 (147); fl-1845 – 99 u 105 (204); 1846 – 104 u 97 (201); fl-1847 – 73 u 90 (163); fl-1848 – 65 u 90 (155); fl-1849 – 50 u 66 (116); fl-1850 – 46 u 50 (96); fl-1851 – 40 u 48 (88); fl-1852 – 48 u 62 (110); fl-1853 – 55 u 103 (158); fl-1854 – 72 u 103 (175); fl-1855 – 50 u 85 (185); fl-1856 – 47 u 100 (147); fl-1857 – 69 u 121 (190); fl-1858 – 71 u 206 (277); fl-1859 – 74 u 200 (274); fl-1860 – 100 u 117 (217); fl-1861 – 102 u 109 (211).[8] Il-medja ta' attendenza kienet ta' 66 tifel u 100 tifla għal total ta' 166. Ta' min isemmi hawnhekk li fl-1 ta' Diċembru 1861 ġew appuntati żewġ għalliema temporanji għal skola f'Tas-Samra, l-Ħamrun,[9] li parti minnu kien fil-limiti ta' Ħal Qormi.

**Għalliema**

Bdil ta' l-għalliema kultant kien isir wara żmien qasir, forsi għax uħud minnhom kienu jippreferu jgħallmu qrib fejn kienu joqogħdu, l-aktar minħabba l-problema tat-trasport. B'hekk naraw li l-għalliema li ħadmu f'Ħal Qormi fl-ewwel għoxrin sena kienu dawn is-sinjuri li ser



*L-Għassa tal-Pulizija f'Ħal Qormi li darba kienet l-armerija tal-post fi żmien il-Kavallieri. F'dan il-bini kien hawn l-ewwel skola primarja governattiva f'Ħal Qormi.* (Ritratt J.F. Grima)

insemmu. L-għalliema rġiel kienu: Teodoro Attard (1842-5), Nicola Stabile (1845-7), Giuseppe Letard (1847-9), George Iliff (1849-53), Michele Calleja (1854-). L-għalliema femminili kienu: Marianna Micallef (1842-8), Francesca Azzopardi

8 ANM, MBB 1842 sa 1861, passim.
9 ANM, MBB 1862, pp. 178-9. Dawn l-għalliema kienu Guglielmo Borg u Carlotta Calleja.

(1848-50), Emmanuela Azzopardi (1850-7), Elisabetta Spiteri (1857-8), Giovanna Maistre (1858-61), Marianna Borg (1861- ).[10]

**Skejjel Privati, Litteraliżmu**

Kien hemm ukoll xi ftit studenti qormin li kienu jattendu skejjel privati iżda n-numru tagħhom kien pjuttost żgħir: 38 tifel u 14-il tifla skond iċ-ċensiment ta' l-1851[11] flimkien ma' 14-il tifel reġistrat fiċ-ċensiment ta' l-1861.[12] Meta wieħed iqis li fl-1851 kien hemm 3475 persuna fid-distrett kollu li kienu taħt l-għoxrin sena, isib li 4.23% biss minnhom kienu jattendu għat-tagħlim.[13] Fortunatament, l-attendenza kienet ħafna aħjar fl-1861.

Fiċ-ċensimenti ta' l-1851 u ta' l-1861 insibu figuri ta' kemm nies kienu jafu jitkellmu, jaqraw u jiktbu lingwi barranin. Iżda dawn huma figuri li ma jistgħux jagħtu stampa ċara għax kienu bbażati biss fuq dak li ntqal lill-intervistaturi taċ-ċensimenti u diffiċli li wieħed ikun jaf il-profondita' li kellhom f'dawn il-lingwi. Minkejja dan, tajjeb inkunu nafu dawn il-figuri uffiċjali dwar Ħal Qormi. Fl-1851, minn fost l-irġiel, 21 kienu jafu jitkellmu bl-Ingliż, 67 bit-Taljan iżda 15 biss kienu kapaċi jaqraw bl-Ingliż. Min-naħa tan-nisa, il-figuri kienu 63, 16 u 62 rispettivament.[14] Fl-1861 kien hemm żieda pjuttost qawwija fuq il-figuri ta' l-1851, forsi rifless tat-tagħlim li kien qed isir fl-iskola primarja. Minn fost l-irġiel, 57 kienu jitkellmu bl-Ingliż, 47 kienu jaqraw din il-lingwa u 44 kienu kapaċi jiktbuh. Fit-Taljan kienu aktar kurrenti għax 280 kienu jitkellmuh, 285 kienu jaqrawh u 242 kienu jafu jiktbuh. In-numru ta' nisa 'lingwisti' kien iżgħar mill-irġiel: 11 kienu jitkellmu bl-Ingliż, 17 kienu jaqrawh u 14 kienu kapaċi jiktbu din il-lingwa. Il-figuri għat-Taljan, l-istess bħall-irġiel, kienu ħafna aħjar: 141 kienu jafu jitkellmu l-lingwa, 183 kienu kapaċi jaqrawha u 145 kienu jiktbu bit-Taljan.[15]

---

10 ANM, MBB 1842-1861, passim.
11 Censo di Malta e Gozo – 31 Marzo1851, Malta 1852, passim.
12 Census of the Islands of Malta, Gozo and Comino taken on the 31st October 1861, Malta 1863, p. 64.
13 Census 1851 (1852), passim.
14 Idem.
15 Census 1861 (1863), p. 34.

**Ngħallem Xogħol ta' Ganutell u Monasteri**

Josephine Azzopardi
Tel: 2149 5025
Mob: 7925 2372



St. George's Confectionery

401, Main Street, Qormi
Tel: 21 493 981 Mob: 9944 3312
(ħdejn il-Venda tal-Linja ta' San Ġorġ)